# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 12**

**Rikors numru: 501/2013/1 SM**

**Godwin Schembri**

**v.**

**Lawrence Theuma**

1. Din hija sentenza minn appell prinċipali u ieħor inċidentali wara sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-24 ta' Ottubru fejn *inter alia* l-Qorti; (i) ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Lawrence Theuma, u ddikjarat illi l-istess konvenut ikkaġuna d-debilità permanenti sofferta mill-attur Godwin Schembri a kawza tal-inċident tad-19 ta' Ġunju 2008 u li l-istess konvenut kien unikament responsabbli għal dan l-inċident; (iii) ċaħdet il-kontrotalba hekk kif dedotta mill-konvenut fl-intier tagħha.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf preżentat nhar is-27 ta' Mejju 2013, l-attur fisser illi għall-ħabta tad-9.30p.m. tad-19 ta' Ġunju, 2008, il-konvenut mingħajr raġuni valida, ħebb b'mod vjolenti u aggressiv għall-attur u ħoloq ġlieda barra l-ħanut *ossia bar* bl-isem 'Key Hole' ġewwa Triq Hompesh il-Fgura. Konsgewenza ta' dan, l-attur ġarrab ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna tiegħu hekk kif ċertifikat mit-Tabib Dr Jesmond Cassar, u fil-fatt kawża tal-istess inċident, ir-rikorrent sofra mankament jew sfreġju f'wiċċu, li jġib miegħu debilita' permanenti. Sussegwentement, il-konvenut kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'arrest, u kien akkużat bi sfreġju gravi u permanenti fuq l-attur. Għalkemm interpellat biex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti, il-konvenut baqa' inadempjenti. Fid-dawl ta' dan kollu talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *"Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti bħala konsegwenza tal-incident de quo;*
>
> *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti in konsegwenza tal-istess, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;.*
>
> *Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti ssomma hekk likwidata; 1.7.4.*
>
> *Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-intimat."*

3. Il-konvenut Lawrence Theuma intavola risposta ġuramentata datata 29 t'Ottubru, 2013, li permezz tagħha rribatta t-talbiet tal-attur billi *in linea* preliminari eċċepixxa illi t-talbiet tal-attur huma preskritti *ai termini* tal-Artikli 2153 u 2154 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, saħaq illi l-istess talbiet huma infondati *stante* li mhux minnu li ħebb għall-attur, anżi l-konvenut kien il-vittma tal-aġir insensat tal-attur. Żied illi mhux minnu li kkaġuna danni u li jekk dawn ġew ikkaġunati dan kien riżultat tal-aġir illegali, abbużiv, u irresponsabbli tal-attur għaliex kien hu li aggredixxa lill-konvenut mingħajr raġuni u fil-fatt il-konvenut sofra danni fuq il-persuna tiegħu.

4. Il-konvenut fil-fatt intavola wkoll kontrotalba f'dan is-sens, fejn ippremetta: (i) illi kien l-attur li aggredixxa lill-konvenut għal xejn b'xejn; u li kien hu li ġarrab ġrieħi fuq il-persuna tiegħu. Żied illi huwa intavola rapport mal-pulizija u fuq l-iskorta tal-istess rapport, l-attur rikonvenzjonat tressaq ukoll il-qorti u eventwalment instab ħati. Fid-dawl ta' dan kollu huwa talab lill-Qorti:

> *"Tiddikjara li r-rikorrenti rikonvenzjonat hu responsabbli ghad-danni in dizamina sofferti millintimat rikonvenzjonanti;*
>
> *Tillikwida d-danni sofferti mill-istess intimat rikonvenzjonanti, akkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*
>
> *Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonat ihallas lill-intimat rikonvenzjonanti d-danni hekk likwidati;*
>
> *Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti kontra rrikorrenti rikonvenjonat;"*

5. L-attur wieġeb permezz ta' risposta datata 19 ta' Novembru, 2013, li permezz tal-istess irrisponda: (i) illi t-talbiet rikonvenzjonali huma preskritti *ai termini* tal-Artikli 2153 u 2154 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu afferma illi l-istess talbiet rikonvenzjonanti huma infondati *stante* li ma seħħ l-ebda inċident fid-19 ta' Ġunju, b'dana illi l-konvenut ma sofra l-ebda danni kif minnu allegat fil-kontrotalba tiegħu. Konsegwentement mhux il-każ li din il-Qorti tillikwida d-danni. Afferma wkoll illi mhux minnu li l-attur instab ħati fil-Qorti tal-Maġistrati, anzi qatt ma ġie akkużat.

6. B'sentenza mogħtija nhar l-24 ta' Ottubru 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi:

> *"1. Takkolji l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti;*
> *2. Tirrespingi t-tieni (2) u t-tielet (3) talba tar-rikorrenti;*
> *3. Tirrespingi r-risposti kollha tal-intimat;*
> *4.Tirrespingi t-talbiet kollha tal-intimat rikonvenzjonanti kontenuti fil-kontro-talba tieghu;*
> *5.Takkolji parzjalment l-ewwel risposta rikonvenzjonata tar-rikorrenti rikonvenzjonat, dik rigwardanti l-artiklu 2153 tal-Kap 16, de quo u tirrespingi bhala irrilevanti dik rigwardanti l-artiklu 2154 tal-istess Kap;*
> *6. Tirribadixxi li l-incident in dizamina sehh fiz-19 ta' Gunju, 2008, u ghalhekk takkolji wkoll it-tieni risposta tar-rikorrenti rikonvenzjonat ghall-kontro-talba tal-intimat;*
> *7. Takkolji r-risposti l-ohra kollha tar-rikorrenti rikonvenzjonat;*
> *8. Tiddikjara ghalhekk li l-intimat kien unikament responsabbli ghall-akkadut;*
> *9. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat."*

7. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tiddeċiedi kif indikat sopra huma s-segwenti:

*"Preskrizzjoni:*

*Omissis*

*Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li l-procedura odjerna giet intavolata entro il-perjodu preskrittiv;*

*34. Illi konsegwentement l-eccezzjoni preliminari tal-intimat, (ara paragrafu numru erba' punt wiehed, (4.1.), aktar qabel, u foll 17), ghandha tigi respinta;*

*omissis*

*Illi l-intimat isosstni li l-griehi minnu sofferti kienu rizultat tal-aggressjoni li hu sofra mir-rikorrenti u ghalhekk huma konsegwenza ta' legittima difesa;*

*Illi pero` minn ezami tal-griehi riskontrati fuq ir-rikorrenti jirrizulta li dawn huma kompatibbli ma daqqiet ta' oggett li jaqta' – versosimilment tazza tal-hgieg – u gidma, u ghalhekk griehi ta' natura gravi;*

*Illi min-naha tieghu l-intimat sofra biss griehi ta' natura hafifa;*

*Illi jirrizulta ampjament assodat li kien l-intimat li gidem lir-rikorrenti f'geddumu;*

*Illi ghalhekk l-eccezzjoni sollevata mill-intimat fuq il-mertu, (ara paragrafu numru erba' punt tnejn, (4.2.), et sequitur aktar qabel, u foll 17), ghandha tigi respinta;*

*Illi konsegwentement, l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha ghalhekk tigi akkolta;*

*Illi fir-rigward tad-danni rikjamati mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:*

*Illi r-rikorrenti jissottometti li sofra dizabilita` permanenti ta' 3%, (ara foll 35 u 167);*

*Illi f'dan ir-rigward jigi immedjatament sottolineat li ma ingiebet l-ebda prova mir-rikorrenti fir-rigward;*

*Illi l-istess rikorrenti naqas ukoll jipproduci provi oggettivament riskontrabbli rigward l-eta` u l-introjtu salarjali tieghu;*

*Illi kif ribadit fl-artiklu 562 tal-Kap 12 de quo: "Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu talprova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah";*

*Illi konsegwentement, stante li r-rikorrenti naqas li jgib il-provi fir-rigward, it-tieni (2), u t-tielet (3) talba tieghu, (ara paragrafu numru wiehed punt seba' punt tnejn, (1.7.2.), u wiehed punt seba' punt tlieta, (1.7.3.), aktar qabel, u foll 2), qed jigu respinti stante li mhumiex pruvati;*

*Illi dwar il-kontro-talba jinghad sintetikament is-segwenti:*

*Omissis*

*Illi ghalhekk meta jigu pparagunati d-data tal-incident ma dik ta' meta giet inoltrata l-kontro-talba, l-perjodu preskrittiv ta' sentejn (2) jirrizulta li kien abbundantement superat;*

*Illi ghalhekk il-kontro-talba tirrizulta li hi preskritta u konsegwentement, l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari sollevata mir-rikorrenti rikonvenzjonat, (ara paragrafu numru sitta punt wiehed, (6.1.), aktar qabel u foll 24), ghandha tigi akkolta;*

*Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ssodisfa t-talbiet tieghu in parte."*

8. Permezz tal-appell tiegħu l-attur talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza billi: (i) tikkonferma dik il-parti fejn akkoljiet l-ewwel talba tal-attur; (ii) tikkonferma dik il-parti fejn irrespinġiet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut; (iii) tikkonferma dik il-parti fejn irrespinġiet it-talbiet tal-konvenut; (iv) tikkonferma dik il-parti fejn akkoljiet l-eċċezzjonijiet tal-attur; (v) filwaqt li tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn irrespinġiet il-kumplament tat-talbiet tal-attur, u dan billi tillikwida d-danni sofferti minnu u minflok takkolji l-kumplament tat-talbiet tal-attur.

9. Lawrence Theuma, permezz ta' risposta għall-appell prinċipali datat 30 ta' Novembru 2017, sostna illi l-appell huwa infondat fil-fatt u fid-

dritt, u afferma illi l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tillikwida danni, *stante* li ma ġie determinat l-ebda ammont u għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx arbitrarjament tasal għal likwidazzjoni ta' danni fin-nuqqas ta' prova tal-istess danni.

10. Permezz tal-appell inċidentali minnu intavolat, Theuma ressaq ħames aggravji, u afferma illi l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta attribwiet ir-responsabbiltà kollha għall-akkadut lilu, u li kien messha laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minnu eċċepita u bl-istess mod l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li takkolji l-eċċezzjoni tal-attur li l-kontrotalba kienet preskritta *a tenur* tal-Artikolu 688(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Żied ukoll illi huwa ħassu aggravat mill-fatt li l-Ewwel Qorti addebitat l-ispejjeż tal-proċeduri in prim'istanza esklussivament lilu.

11. Mill-atti jidher illi l-attur, ma intavola l-ebda risposta għall-appell inċidentali.

12. Inżammu diversi seduti quddiem din il-Qorti u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum.

13. Din il-Qorti tqis illi għandha l-ewwel tgħaddi biex tindirizza l-aggravji mressqa fl-appell inċidentali, b'dana illi l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti f'dan ir-rigward jistgħu possibbilment jimpinġu fuq il-konsiderazzjonijiet ta'

din il-Qorti fir-rigward l-appell prinċipali.

**Konsiderazzjonijiet:**

*L-Appell Inċidentali:*

14. Permezz tal-***ewwel aggravju***, Theuma spjega illi huwa ħassu aggravat li l-Ewwel Qorti ddikjarat li hu kien unikament responsabbli għad-danni subiti mill-attur. Isostni illi mhuwiex minnu li kien hu li ħebb għall-attur u li d-danni subiti mill-istess attur huma riżultat tal-aġir illegali, abbużiv u irresponsabbli tal-attur, li kien hu li mingħajr raġuni aggredixxa lil Theuma. Jafferma illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, ma tagħmel l-ebda referenza għax-xhieda mogħtija mix-xhieda okkulari, b'dana illi jekk l-Ewwel Qorti ħasset illi kien hemm raġuni għaliex tali xhieda kellha tiġi skartata, kellha tkun sostanzjata minn motivazzjoni li kellha tingħata fis-sentenza. Iżid illi l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni tagħha mhux fuq għarbiel tat-testimonjanza mogħtija mix-xhieda okulari iżda unikament fuq il-gravità relattiva tal-ġrieħi li kull parti ġarrbet. Isostni wkoll illi anke jekk għal grazzja tal-argument jirriżulta illi Theuma gidem lill-attur, dan ifisser biss illi Theuma irreaġixxa għal aggressjoni tal-appellant in leġittima difesa, u m'għandux jiġi interpretat illi jfisser li kien Theuma li pprovoka l-inċident.

15. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet fuq din it-teżi:

*"Illi kif jirrizulta b'mod oggettiv mic-certifikat mediku datat id-19 ta' Gunju, 2008, ir-rikorrenti Schembri kellu gidma fuq in-naha tax-xellug tal-geddum b'nuqqas ta' gilda fl-istess area, (ara foll 95), oltre xi grif u tbengil fuq il-kappell t'ghajnejh ix-xellugija, (ara foll 95);*

*Illi r-rikorrenti sintetikament isosstni li l-intimat:*

*Waddablu tazza tal-pinta tal-birra lejn wiccu;*

*Baqa' jwaddab tazzi ohra lejn l-istess rikorrenti;*

*Gidimlu l-geddum fuq in-naha tax-xellug u beda jaqtalu bicca mill-laham, (ara foll 34);*

*Illi l-intimat isosstni li r-rikorrenti:*

*Mar fuqu;*

*Imbuttah fuq mejda kollha tazzi, b'kulhadd jaqa' mal-art;*

*Meta kienu hekk fl-art bl-intimat taht ir-rikorrenti, dan tal-ahhar beda jtieh kif gie gie;*

*Illi rizultat tal-istess l-intimat mar ic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid biex idewwi l-griehi li sofra, (ara foll 51 u 92);*

*Illi jsosstni li r-rikorrenti beda jghajjat li kien ha johodlu "ghoxrin elf" u bihom jixtri Mercedes, (ara foll 49);*

*Illi l-intimat ipprezenta erba (4) ritratti li juru l-griehi minnu sofferti, (ara foll 53 sa 55);*

*Illi attenda sessjonijiet ta' fizjoterapija, (ara foll 56);*

*Illi l-versjoni tal-intimat hi suffrogata mill-versjoni tax-xhieda Anthony Compagno, (ara foll 64), u Emanuel Zahra, (ara foll 61);*

*Illi t-tabib Dr Stephen Spiteri ikkonferma li kien ezamina lillintimat u li ra l-feriti minnu sofferti kif jidhru fir-ritratti esebit millistess intimat, (ara foll 53 sa 55 u foll 77);*

*Illi l-intimat isosstni li l-griehi minnu sofferti kienu rizultat tal-aggressjoni li hu sofra mir-rikorrenti u ghalhekk huma konsegwenza ta' legittima difesa;*

*Illi pero` minn ezami tal-griehi riskontrati fuq ir-rikorrenti jirrizulta li dawn huma kompatibbli ma daqqiet ta' oggett li jaqta' – versosimilment tazza tal-hgieg – u gidma, u ghalhekk griehi ta' natura gravi;*

*Illi min-naha tieghu l-intimat sofra biss griehi ta' natura hafifa;*

*Illi jirrizulta ampjament assodat li kien l-intimat li gidem lir-rikorrenti f'geddumu;*

*Illi ghalhekk l-eccezzjoni sollevata mill-intimat fuq il-mertu, (ara paragrafu numru erba' punt tnejn, (4.2.), et sequitur aktar qabel, u foll 17), ghandha tigi respinta;*

*Illi konsegwentement, l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha ghalhekk tigi akkolta;"*

16. Il-funzjoni ta' reviżjoni tal-provi li trid tagħmel din il-Qorti ma twassalx bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni. (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ottubru, 2023, fl-ismijiet **Citadel Insurance plc v. Shield Services Limited et** u l-ġabra ta' referenzi għas-sentenzi hemm magħmula.)

17. Il-Qorti eżaminat l-atti bir-reqqa u tosserva illi l-provi prodotti minn entrambi partijiet huma relattivament skarsi. Huwa minnu dak rilevat minn Theuma fl-appell inċidentali tiegħu illi in prim'istanza huwa ressaq diversi testimonjanzi ta' individwi li huwa jiddeskrivi bħala xhieda okulari. Din il-

Qorti eżaminat din ix-xhieda, u anke t-testimonjanzi rispettivi tal-partijiet u rat illi fis-sentenza appellata, kuntrarjament għal dak rilevat minn Theuma hemm referenza għax-xhieda ta' Compagno u Zahra.

18. Theuma fl-affidavit tiegħu xehed illi: *"Jien irreagejt billi iddefendejt ruhi u hrigt idi t-tnejn biex nilqghu. Madanakollu, Godwin Schembri imbuttani bil-mejda b'kollox għal ma l-art u ġejt taħt il-bankina. Bil-waqa' jien hbatt rasi, stordejt u hassejtni nintilef minn sensija... x'hin kont mixħut ma l-art huwa qabadni minn ghonqi u beda jifgani, filwaqt li bil-piz tieghu kompla jagħfasni ghal ma l-art. Ma stajtx naqilghu minn fuqi u minn mieghi u ppruvajt niddefendi ruhi kif stajt. Waqt li konna mqabbdin ma xulxin ma l-art, jiena hassejt li kien hemm xi persuni li bdew jippruvaw jaqilghu lil Godwin Schembri minn fuqi sabiex ituni sokkors."*

19. Emanuel Zahra li jixhed li ra kif żvolġa l-inċident fl-affidavit tiegħu spjega illi: *"...Schembri qeleb il-mejda b'kollox għal fuq Theuma. Rajt lil Theuma johrog idejh 'il barra biex jipprova jilqa' l-mejda imma ma rnexxielux. Mal-mejda rajt li waqghu xi tazzi u flixkien li kien hemm fuqha. Theuma spicca wiccu' l fuq fuq il-bankina. Schembri nizel ghal fuqu u qabdu minn ghonqu. Jien dak il-hin grejt ghal fuqhom sabiex naqla lil Schembri monn fuq Theuma."*

20. *A*nthony Compagno fl-affidavit tiegħu spjega illi: *"... Schembri qabad u mbotta l-mejda b'dak kollu li kien hemm fuqha ghal fuq Lawrence Theuma. Schembri nizel ghal fuq Theuma li spicca tahtu u l-istess Schembri qabdu minn ghonqu. Jien pruvajt naqla lil Schembri minn fuq l-iehor u dak il-hin gew jigru sid il-hanut Alfred Buttigieg u habib tieghi iehor Emanuel Zahra.... it-tlieta li ahna pruvajna naqilghu lil dan Godwin Schembri minn fuq Theuma."*

21. Il-Qorti rat iċ-ċertifikat mediku datat 19 ta' Ġunju 2008, maħruġ minn Dr A Fiorini *a fol 51* fejn ġie indikat illi Theuma kellu selħa taħt geddumu, selħa ma' dahru fuq il-lemin, selħa oħra f'siequ tax-xellug, u grif fl-irkoppa. Rat illi l-imsemmi Dr Fiorini kklassifika dawn il-ġrieħi bħala ġrieħi ta' natura ħafifa. Rat ukoll iċ-ċertifikat *a fol 52*, dak *a fol 56, a fol 57,* ir-rapport *a fol 58-60* u r-ritratti *a fol 53 et seq*. Il-Qorti eżaminat ukoll ix-xhieda ta' Mr Thomas Azzopardi tad-19 ta' Mejju 2015 *a fol 73 et seq*., u dik ta' Dr Stephen Spiteri tad-19 ta' Mejju 2015 *a fol 77 et seq*., li sostna li l-feriti kienu ta' natura gravi.

22. Din il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni taċ-ċertifikat mediku maħruġ minn Dr Jesmond Cassar datat 19 ta' Ġunju *a fol 95* tal-atti, fejn ġie indikat illi Schembri kellu gidma fuq in-naha tax-xellug ta' geddumu u li kien hemm nuqqas tal-ġilda, tbenġil u grif fuq il-kappell ta' fuq ta' għajnejh ix-xellugija, u żewġ girfiet tul l-għonq fuq quddiem. Dr Cassar iklassifika

l-ġrieħi bħala gravi minħabba sfreġju fil-wiċċ. Fit-testimonjanza tiegħu Schembri spjega illi: *"... erġajt għamiltlu d-domanda indirizzata lejh u mbagħad ħasadni għaliex waddabbli t-tazza tal-pinta tal-birra lejja, lejn wiċċi, u kif ukoll xi tazzi oħrajn li kien hemm fuq il-mejda. Beda iwaddab it-tazzi u baqa' iwaddab it-tazzi lejja. Jiena dak il-hin bdejt inhoss id-demm niezel minn wicci. Nghid illi mbaghad gidimli wkoll wicci n-naha ta' geddumi tan-naha tax-xellug u ma riedx jitlaqni minn din il-gidma li beda jigdimni. Fil-fatt beda jipprova jaqtaghli bicca laham peress li ma riedx jitlaqni u fil-fatt irnexxielu... Ngħid li wara dak waqajna ma' l-art u ġew xi nies jaqilgħuh minn miegħi."*

23. Mit-testimonjanzi in atti jidher illi l-partijiet kienu jafu lil xulxin. Fil-fatt fix-xiehda tieghu, Schembri jgħid li kien jaf li lil Theuma jsibuh bħala "Nastang", u meta allegatament avviċinah biex jara għalfejn Theuma għamel dak il-ħoss lejh, indirizzah b'dan il-laqam. Rat ukoll ix-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizija li xehdu wkoll fuq dak li semgħu lil Schembri jgħid lil Theuma fil-preżenza tagħhom l-Għassa. Huwa wkoll pależi illi l-Ewwel Qorti bbażat il-konklużjoni tagħha fuq l-unika prova oġġettiva, ċjoè r-riżultanzi mediċi, *stante* li l-verżjonijiet tal-partijiet huwa diametrikament opposti. Rat ukoll illi entrambi l-partijiet qegħdin jilmentaw minn debilità permanenti, uġigħ kroniku minn wara l-inċident, iżda għajr Dr Thomas Azzopardi u Dr Stephen Spiteri ma ġie prodott l-ebda espert mediku *ex*

*parte* ieħor. Tinnota wkoll illi x-xhieda prodotta ma ġew sottoposti għal ebda kontroeżami.

24. Il-Qorti rat ukoll is-sottomissjonijiet bil-miktub prodotti mill-partijiet, u kif Theuma fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jinsisti illi qabel ma ntilef minn sensi kull ma kien għamel kien li ħareg idejh it-tnejn biex jilqa' lill-attur b'dan illi jeżistu għalhekk l-elementi għall-ġustifikazzjoni tal-leġittima difesa. Fl-istess nifs u mingħajr preġudizzju, jafferma wkoll illi jekk *se mai* ġew ikkaġunati xi danni naxxenti minn reat fil-konfront tal-attur dawn saru b'mod involontarju bħala reazzjoni. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu Schembri jirrimarka illi ttieħdu proċeduri kriminali fil-konfront ta' Theuma, u li l-ġrieħi li ġarrbu ż-żewġ partijiet ma jirriflettux il-verżjoni tal-inċident kif rakkontata minn Theuma. Il-Qorti osservat ukoll illi kien l-attur li immedjatament mar jagħmel rapport mal-pulizija, u li l-pulizija effettivament bagħtet ghal Theuma, u li filwaqt li entrambi partijiet qiegħdin jilmentaw minn debilità permanenti, effettivament kien Schembri li ntavola l-proċeduri odjerni, filwaq illi Theuma rrisponda bil-kontrotalba.

25. Din il-Qorti ma tqisx illi l-verżjoni mogħtija mix-xhieda okulari u minn Theuma hija waħda verosimili. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi dak riskontrat mit-tobba li invistaw lill-partijiet *a tempo vergine* ixejjen il-verżjoni ta' Theuma. Fil-verżjoni mogħtija minnu Theuma jgħid li meta waqgħu mal-art Schembri beda jagħtih bl-addoċċ, jagħfsu mal-art u jżommu minn

għonqu tant li spiċċa anke kien ser jintilef minn sensih. Però mill-provi prodotti ma jirriżultax li Theuma kellu xi ġrieħi f'wiċċu jew f'għonqu ħlief selħa f'geddumu. Il-ġrieħi l-oħra li kellu (grieħi ta' natura ħafifa) kienu f'dahru u f'saqajh, li meta wieħed iqis illi dawn bdew jitqabdu ma' xulxin mal-art, u li mal-art kien hemm il-ħġieġ tat-tazzi u l-flixken li kienu waqgħu minn fuq il-mejda, tqis illi tali feriti huma riżultat tat-tisbita li ħa mal-art. Minn imkien ma rriżulta illi Theuma kellu xi marki m'għonqu jew xi tbenġil ieħor mal-bqija tal-persuna tiegħu għajr dawk indikati fiċ-ċertifikat mediku. Għalhekk huwa aktar verosimili illi Theuma pprovoka dan l-inċident, filwaqt li Schembri kien qiegħed biss jiddefendi ruħu mill-istess. Fil-fatt din il-Qorti tqis illi n-natura tal-feriti fuq il-persuna ta' Theuma tkompli tikkorabora din it-teżi u mhux dik opposta, partikolarment meta wieħed iqis illi Schembri safa migdum minn Theuma f'parti minn wiċċu, tant illi saħanistra parti mill-ġilda sfat maqtugħa.

26. Tenut kont ta' dak li ġie rilevat din il-Qorti tqis illi l-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti kienet waħda korretta u bbażata fuq provi oġġettivi. Għalhekk u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula, dana l-aggravju qieghed jiġi respint.

27. Permezz ***<u>tat-tieni aggravju</u>***, Theuma jsostni illi huwa ħassu aggravat meta l-Ewwel Qorti ma laqgħetx l-eċċezzjoni li t-talbiet tal-appellant huma preskritti *a tenur* tal-Artikoli 2153 u 2154 tal-Kap 16 tal-

Liġijiet ta' Malta u ddeċidiet illi l-preskrizzjoni applikabbli għall-proċedura odjerna kienet dik ta' ħames snin *a tenur* tal-Artikolu 688(d) tal-Kap 9, *stante* illi ma ġiex ippruvat li saret offiża gravi. Jafferma illi fiċ-ċirkostanzi odjerni kellu japplika l-perjodu preskrittiv *a tenur* tal-Artikolu 688(e) u l-Artikolu 226(1).

28. F'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kostatazzjonijiet:

> *"Illi nonostante id-difett serju fuq accennat, bil-ghan li jigi stabbilit liema hu t-terminu preskrittiv li ghandu effettivament japplika fil procedura odjerna, ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri), fl-ismijiet Mary Ann Borg nomine vs. Korporazzjni EneMalta et, datata l-31 ta' Jannar, 2014, li tghid:*
>
> *Jekk l-azzjoni civili tintlaqax bl-artiklu 2153 jew mill artiklu 2154 ma jiddependix minn jekk il-konvenut instabx hati ta' reat, izda jekk il-fatt attribwit lilu jinkwadrax fid-definizzjoni ta' reat jew le. Naturalment, jekk eventwalment jinstab – mill-qorti civili sal-grad ta' prova li trid il-ligi civili – illi l-fatt ma sehhx, l-azzjoni tfalli mhux minhabba l-preskrizzjoni izda ghax il premessa tal-azzjoni ma gietx provata. Izda ma tistax aprioristikament u bla ma tqis il-provi fid-dawl tal-oneru tal-prova li trid il-ligi civili tghid illi, ghax il-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali ma sabitx htija ta' reat dan ipso iure jwassal ghall-konkluzzjoni li l-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz ma hijiex dik taht l-artiklu 2154.*
>
> *Illi ghalhekk f'dan l-istadju hu ghaqli li jigi ezaminat jekk l-ghemil riskontrat jikkostitwix reat kriminali jew le, biex jekk fl-affermattiv, ikun allura japplika l-artiklu 2154 tal-Kodici Civili fir rigward;*
>
> *Illi ghandu jkun pacifiku li l-atti fuq elenkati mill-kontendenti u mix-xhieda minnhom imressqa effettivament jikkonfiguraw f'atti li jikkostitwixxu reati diversi; 28. Illi ghalhekk, fid-dawl tad-direzzjoni moghtija fis-sentenza flismijiet Borg nomine vs. Korporazzjoni EneMalta et, (ara paragrafu numru ghoxrin, aktar qabel), l-atti li taw lok ghall-kawza civili odjerna effettivament jinkwadraw fl-artiklu* 2154 tal-Kap 16 de quo li allura qed tigi akkolta, u konsegwentement, it-talba li l-istess jinkwadraw fl-artiklu 2153 tal-istess Kap qed tigi respinta;
>
> *Illi fid-dawl tas-suespost issir allura referenza ghall-artiklu 216(1)(b) tal-Kap 9 li jistabbilixxi li offiza fuq il-persuna tkun meqjusa bhala offiza gravi*

*meta ggib mankement jew sfregju fil-wicc, fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz, u din tattira l-piena ta' prigunerija minn tliet (3) xhur sa tliet (3) snin; Illi ai termini tal-artiklu 688(d) tal-istess Kap 9 fuq riferit, lazzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni ta' hames (5) snin ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn erba' (4) snin u mhux anqas minn sena (1);*

*lli stabbilit is-suespost, jirrizulta assodat li l-preskrizzjoni applikabbli ghall-procedura odjerna hi dik ta' hames (5) snin;*

*Illi fid-dawl tal-istess hu issa opportun li jigi stabbilit l-iter temporali tal-procedura in dizamina li jista' jigi kostitwit bil-mod segwenti:*

*Illi l-incident in dizamina sehh fiz-19 ta' Gunju, 2008, (ara foll 90);*
*Illi l-kawza odjerna giet introdotta fis-27 ta' Mejju, 2013, (ara foll 1);*
*Illi t-talba rikonvenzjonanti giet intavolata fid-29 t'Ottubru, 2013, (ara foll 19);*
*Illi t-termini preskrittiv jiskadi fiz-19 ta' Gunju, 2013;*
*Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li l-procedura odjerna giet intavolata entro il-perjodu preskrittiv;*

*Illi konsegwentement l-eccezzjoni preliminari tal-intimat, (ara paragrafu numru erba' punt wiehed, (4.1.), aktar qabel, u foll 17), ghandha tigi respinta;*

29. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illli dan l-aggravju bħal dak ta' qablu mhux siewi. Theuma jibbaża dan l-aggravju fuq il-premessa illi ma ġiex ippruvat li saret offiża gravi fuq il-persuna ta' Schembri, tant illi l-Ewwel Qorti ma llikwidat l-ebda danni. Din il-Qorti ma taqbilix ma tali asserzjoni *stante* illi l-Ewwel Qorti ma llikwidat l-ebda danni għaliex Schembri naqas milli jressaq provi f'dan ir-rigward. Kif rilevat minn din il-Qorti u anke mill-Ewwel Qorti qabilha, ġie oġġettivament ippruvat illi Schembri ġarrab ġrieħi gravi fuq il-persuna tiegħu minħabba l-inċident in kwistjoni. Isegwi għalhekk illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta applikat l-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu 2154.

30. Magħdud dan u fid-dawl ta' dak konsidrat minn din il-Qorti fl-ewwel aggravju: (i) il-grieħi kommessi minn Theuma fuq il-persuna ta' Schembri kienu ta' natura gravi; (ii) illi l-ġustifikazzjoni tal-leġittima difiża hija waħda bla bażi tenut kont tal-ġrieħi sofferti minn Schembri, u (iii) illi l-ġrieħi inflitti ma kinux involontarji; japplika għalhekk għal każ odjern Artikolu 216(1)(b) kif ben indikat mill-Ewwel Qorti. Il-Qorti rat ukoll illi possibbilment japplika anke l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt, din il-Qorti rat illi, minkejja li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma ġietx esebita mill-partijiet, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali rriteniet illi mill-provi prodotti quddiemha rriżulta ampjament li l-ġrieħi sofferti minn Schembri jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' dak predispost fl-Artikolu 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fil-fatt sabet lil Theuma ħati ta' tali imputazzjoni.

31. Anteċedenti għall-emendi li saru lid-dispożizzjonijiet in kwistjoni, ir-reat kontemplat fl-Artikolu 216(1)(b) kien jattira piena ta' priġunerija minn tliet (3) xhur sa tliet (3) snin. L-Artikolu 218(1)(b) kien jattira piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa disa' snin. L-Artikolu 688 imbagħad jistipula s-segwenti:

> *"Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –*
>
> *(a) bl-egħluq ta' għoxrin sena għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn għoxrin sena;*

*(b) bl-egħluq ta' ħmistax-il sena għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn għoxrin sena u mhux anqas minn disa' snin;*
*(ċ) bl-egħluq ta' għaxar snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn disa'snin u mhux anqas minn erba' snin;*
*(d) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba'snin u mhux anqas minn sena;*
*(e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;*
*(f) bl-egħluq ta' tliet xhur għall-kontravvenzjonijiet, u għall-inġurji bil-fomm suġġetti għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet."*

32. Wara li reġgħet rat l-Artikolu 216(1)(b) u 218(1)(b) in konnessjoni mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 688 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tqis illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qieset illi l-azzjoni kif proposta minn Schembri giet intavolata *entro* l-perjodu preskrittiv.

33. Għalhekk u tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti ma tqisx illi dan l-aggravju huwa wieħed fondat.

34. Permezz ***<u>tat-tielet aggravju</u>***, Theuma jilmenta illi l-Ewwel Qorti ma messhiex addebitat l-ispejjeż tal-proċeduri in prim'istanza kontrih biss, ġaladarba l-Ewwel Qorti ma setgħetx tillikwida d-danni minħabba n-nuqqas ta' tali prova da parti tal-appellant. Għalkemm l-Ewwel Qorti sabitu responsabbli, jisħaq illi l-ispejjeż kellhom jibqgħu bla taxxa jew inkella kull parti kellha tiġi kkundannata tħallas tagħha.

35. Il-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż hija regolata mil-liġi u ċjoè l-Artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi:

> ***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***
>
> ***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

36. Minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta illi minkejja li l-Ewwel Qorti ċaħet it-tieni u t-tielet talba ta' Schembri, ordnat illi l-ispejjeż kollha tal-proċeduri in prim'istanza għandhom ikunu a karigu ta' Theuma. Peress illi l-appell prinċipali intavolat minn Schembri jitratta proprju din it-tieni u t-tielet talba u ċaħda tal-istess tal-Ewwel Qorti, dana l-aggravju ser jiġi indirizzat wara li l-Qorti tindirizza l-appell prinċipali ta' Schembri aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

37. Permezz ***<u>tar-raba' aggravju</u>*** Theuma jilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet kollha tiegħu fil-kontrotalba, u ddeċidiet li takkolji l-eċċezzjoni tal-attur li l-kontrotalba kienet preskritta *a tenur* tal-Artikolu 688(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta l-attur sejjes din l-eċċezzjoni fuq l-Artikoli 2153 u 2154. Isostni illi l-Ewwel Qorti għamlet dan mingħajr ma daħlet fl-ebda apprezzament tal-fatti, u lanqas ma daħlet fil-motivazzjonijiet li wasluha tiddeċiedi dan. Jisħaq ukoll illi filwaqt li l-Ewwel Qorti akkoljiet parzjalment l-ewwel eċċezzjoni dik rigwardanti l-Artikolu

2153 tal-Kap 16 u rrispinġiet bħala rrilevanti dik rigwardanti l-Artikolu 2154 tal-istess Kap, qieset li l-kontrotalba taqa' taħt l-Artikolu 221(1) tal-Kap 9 u li konsegwentement *ai termini* tal-Artikolu 688(e) tal-istess Kap, it-terminu preskrittiv għall-kontrotalba huwa dak ta' sentejn. Din fil-fehma ta' Theuma hija kontradizzjoni *stante* li dak rifless fil-korp tas-sentenza ma ġiex rifless fid-*decide*.

38. Fl-ewwel lok din il-Qorti tikkonċedi illi kif rilevat minn Theuma fl-appell inċidentali tiegħu, jidher illi hemm kontradizzjoni bejn dak ikkunsidrat fil-korp tas-sentenza, partikolarment il-paragrafi nnumerati 28-31 u dak indikat fid-*decide* f'paragrafu 52.5. Huwa pależi illi dan mhuwa xejn għajr żball tal-pinna, fejn l-Ewwel Qorti minflok ma indikat illi: qiegħda takkolji parzjalment l-ewwel eċċeżżjoni tal-attur għal kontrotalba, u ċjoè dik rigwardanti l-Artikolu 2154 tal-Kap 16, u tirrespinġi bhala irrelevanti dik rigwardanti l-Artikolu 2153 tal-istes Kap 16, erronjament iddikjarat illi qiegħda "takkolji parzjalment l-ewwel risposta rikonvenzjonata tal-attur rikonvenzjonat, dik rigwardanti l-artiklu 2153 tal-Kap 16, *de quo* u tirrespingi bhala irrilevanti dik rigwardanti l-artiklu 2154 tal-istess Kap." Dan fil-fehma tal-Ewwel Qorti jirriżulta b'mod ċar mill-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti fil-paragrafi su-ċitati.

39. Għalhekk u safejn dana l-aggravju jikkonċerna dana l-punt qiegħed jiġi milqugħ.

40. Imiss issa li din il-Qorti teżamina dik il-parti tar-raba' aggravju ta' Theuma fejn afferma illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddikjarat illi l-kontrotalba minnu intavolata kienet preskritta *ai termini* tal-Artikolu 688(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> **"***Illi dwar il-kontro-talba jinghad sintetikament is-segwenti:*
>
> *Illi r-rikorrenti rikonvenzjonat jeccepixxi preliminarjament li l-kontro-talbiet tal-intimat huma preskritti, (ara paragrafu numru sitta punt wiehed, (6.1.), aktar qabel u foll 24);*
>
> *Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 221(1) tal-Kap 9 li jistabbilixxi li:*
>
> *"L-offiza fuq il-persuna li ma ggib ebda wahda mill-konsegwenzi msemmija fl-artikli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, titqies li hija htija hafifa, u ghaliha tinghata l-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa";*
>
> *Illi ssir ukoll referenza ghall-artiklu 688(e) tal-istess Kap 9 fuq indikat li tistabbilixxi li l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni: "... bl-gheluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni talkontravenzjonijiet";*
>
> *Illi jirrizulta li l-offiza li minnha jilmenta l-intimat hi wahda ta' natura hafifa;*
>
> *Illi konsegwentement il-procedura in dizamina taqa' taht l-artiklu 221(1) tal-Kap 9 fuq riferit;*
>
> *Illi konsegwentement, ai termini tal-artiklu 688(e) tal-istess Kap 9 fuq riferit, it-terminu preskrittiv ghall-kontro-talba tal-intimat hu dak ta' sentejn (2);*
>
> *Illi f'dan ir-rigward japplika wkoll l-iter temporali indikat aktar qabel, (ara paragrafu numru tnejn u tletin, li ghall ekonomija tal-gudizzju mhux ser jigi riprodott anke f'dan listadju ghalkemm ovvjament qed tistrieh fuqu;*
>
> *Illi ghalhekk meta jigu pparagunati d-data tal-incident ma dik ta' meta giet inoltrata l-kontro-talba, l-perjodu preskrittiv ta' sentejn (2) jirrizulta li kien abbundantement superat;*

> *Illi ghalhekk il-kontro-talba tirrizulta li hi preskritta u konsegwentement, l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari sollevata mir-rikorrenti rikonvenzjonat, (ara paragrafu numru sitta punt wiehed, (6.1.), aktar qabel u foll 24), ghandha tigi akkolta;"*

41. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-atti kollha u d-dispożizzonijiet relattivi tal-liġi. Tibda biex tgħid illi jekk l-azzjoni hix preskritta jew le jiddependi mill-pretensjoni tal-konvenut kif imfisser fir-rikonvenzjoni. Ladarba l-konvenut qed jallega li sofra ġrieħi gravi, għandu ragun jgħid li l-preskrizzjoni applikabbli hi dik għal reati ta' din ix-xorta. Madankollu din il-parti tal-aggravju ma fiha ebda relevanza billi fil-mertu ġie deċiż li kien il-konvenut li hu responsabbli għall-inċident mertu tal-kawza u għalhekk ma jistax jitlob riżarċiment għal ebda ħsara sofferta minnu.

42. Għalhekk dan l-aggravju qiegħed ukoll jiġi respint.

43. Tenut kont ta' dak deċiż fil-paragrafu preċedenti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames aggravju ta' Theuma in kwantu li dan l-aggravju jitratta l-likwidazzjoni ta' danni minnu sofferti kawza tal-inċident.

44. Din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tindirizza l-aggravji hekk kif dedotti fl-appell prinċipali.

L-Appell ta' Godwin Schembri

45. Permezz tal-appell tiegħu Schembri ilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti

minkejja li ddikjarat lill-konvenut unikament ħati għall-inċident, ma likwidat l-ebda danni a favur tiegħu. Schembri jsostni illi minkejja li hu xehed taħt ġurament illi qiegħed isofri minn diżabilità permanenti ta' 3%, u minkejja li mill-atti l-Ewwel Qorti kellha a dispożizzjoni tagħha l-informazzjoni kollha sabiex tapplika l-formola appożita sabiex jiġu kkalkulati d-danni dovuti lilu, l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel dan. Jisħaq illi fid-dawl tal-konklużjonijiet raġġunti mill-Ewwel Qorti, l-Ewwel Qorti kellha awtomatikament tillikwida danni fil-konfront tiegħu, anke jekk fil-minimu. Jafferma illi ma jistax ikun illi persuna tkun miżmuma responsabbli għal inċident, u l-persuna li tkun soffriet id-diżabilità ma tingħata l-ebda tip ta' kumpens.

46. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kostatazzjoni għar-rigward:

> *"Illi fir-rigward tad-danni rikjamati mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:*
>
> *Illi r-rikorrenti jissottometti li sofra dizabilita` permanenti ta' 3%, (ara foll 35 u 167);*
>
> *Illi f'dan ir-rigward jigi immedjatament sottolineat li ma ingiebet l-ebda prova mir-rikorrenti fir-rigward;*
>
> *Illi l-istess rikorrenti naqas ukoll jipproduci provi oggettivament riskontrabbli rigward l-eta` u l-introjtu salarjali tieghu;*
>
> *Illi kif ribadit fl-artiklu 562 tal-Kap 12 de quo: "Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu talprova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah";*
>
> *Illi konsegwentement, stante li r-rikorrenti naqas li jgib il-provi fir-rigward, it-tieni (2), u t-tielet (3) talba tieghu, (ara paragrafu numru wiehed punt seba' punt tnejn, (1.7.2.), u wiehed punt seba' punt tlieta, (1.7.3.), aktar qabel, u foll 2), qed jigu respinti stante li mhumiex pruvati;"*

47. Kif diġà aċċennat sopra, il-provi prodotti in prim'istanza kienu fil-fehma ta' din il-Qorti pjuttost skarsi. Fil-fatt mill-atti jirriżulta illi l-provi prodotti mill-attur huma s-segwenti:

- L-attur Godwin Schembri xehed *viva vioce* quddiem l-Assistent Gudizzjarju nhar l- 4 ta' Marzu 2014;
- Xehed Vincent Schembri, nhar it-28 ta' Mejju 2014;

48. Sussegwentement fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2015 l-Ewwel Qorti wara li rat illi l-attur u kif ukoll ir-rappreżentanti legali tieghu ma dehrux, qieset dan bħala ekwivalenti li l-attur m'għandux aktar provi x'jipproduċi, u fil-fatt il-kawża kienet ġiet differita għall-provi tal-konvenut. Rat ukoll illi fl-udjenza tat-12 ta' Marzu 2015, l-attur u l-avukati difensuri tiegħu reġgħu ma dehrux. Fl-udjenza tad-19 ta' Mejju 2015 l-avukat difensur tal-attur għamel il-kontroeżami ta' Mr Thomas Azzopardi, PC 892, Kevin Grima u ta' Dr Stephen Spiteri. Fl-udjenza tal-21 ta' Ġunju 2016, il-proċeduri tħallew għan-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi, u għat-trattazzjoni orali.

49. Permezz ta' rikors datat 5 ta' Lulju 2016 a fol 117 tal-atti, l-attur Schembri talab lill-Ewwel Qorti sabiex fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2016, jitħalla jressaq il-provi tiegħu fuq il-kontrotalba minflok ma ssir it-trattazzjoni orali. Permezz ta' digriet datat 25 ta' Lulju 2016, tali talba ġiet miċħuda. Permezz ta' rikors ulterjuri datat 19 ta' Awwissu 2016, l-attur

talab lill-Ewwel Qorti li jiġu annessi l-atti kriminal fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence Theuma** mal-atti tal-proċeduri odjerni. Permezz ta' digriet datat 7 ta' Settembru 2016, dan ir-rikors ġie wkoll miċħud.

50. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tafferma illi ġaladarba ma ġew prodotti l-ebda provi oġġettivi fir-rigward tad-*damnum emergens*, dawn ma jistgħux jiġu likwidati mill-Qorti. Fir-rigward il-*lucrum cessans* pretiżi minn Schembri, din il-Qorti ma tistax tifhem kif Schembri jinsisti illi dawn jiġu likwidati mill-Ewwel Qorti "awtomatikament", meta waqt li l-proċeduri kienu fl-istadju tal-ġbir tal-provi tieghu, kemm Schembri u kif ukoll l-avukati difensuri tiegħu naqsu milli jidhru, u naqsu milli jiġġustikaw in-nuqqas ta' preżenza tagħhom. Il-Qorti osservat ukoll illi kien biss meta l-proċeduri tħallew għan-noti ta' sottomissjonijiet li Schembri talab lill-Ewwel Qorti tordna l-allegazzjoni tal-atti kriminali kontra Theuma. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi ġaladarba l-proċeduri kriminali kienu diġà *res judicata*, l-atti setgħu ġew esebiti fi stadju aktar bikri tal-proċeduri u mhux biss bħala rimedju aħħari għan-nuqqas ta' provi prodotti tul il-mori tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. Il-Qorti rat ukoll illi la ntalbet in-nomina ta' espert mediku, la ġew prodotti l-esperti mediċi li eżaminaw lil Schembri, u la nġiebu provi dwar l-introjtu tal-istess Schembri. L-attur ma jistax jippretendi illi din il-Qorti għandha tistrieħ fuq dikjarazzjoni magħmula minnu fir-rigward tad-diżabilità permanenti sofferta minnu a kawża ta' dan l-inċident minkejja li din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti hija tal-

fehma illi kien Theuma li kkaġuna dawn il-grieħi. Tenut kont ta' dan, din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti tqis illi ma ġew prodotti l-ebda provi dwar it-tieni u t-tielet talba hekk kif dedotti fir-rikors promotur u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ċaħdet l-istess talbiet.

51. Għalhekk, u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet magħmula, din il-Qorti tqis illi l-aggravju ta' Schembri ma jistax jiġi milqugħ.

52. Fid-dawl ta' din il-konklużjoni u b'rabta mat-tielet aggravju fl-appell inċidentali ta' Theuma fir-rigward tal-allokazzjoni tal-ispejjeż tal-proċeduri, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi fid-dawl tal-fatt illi t-tieni u t-tielet talbiet ta' Schembri ġew miċħuda, filwaqt illi l-ispejjeż tal-kontrotalba għandhom ikunu sopportati unikament minn Theuma, terz tal-ispejjeż tal-kawża preżentata minn Schembri għandhom ikunu a karigu tal-istess Schembri, filwaqt li żewġ terzi l-oħra għandhom ikunu a karigu ta' Theuma.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula sopra, billi:

(1) Tiċħad l-appell prinċipali fl-intier tiegħu, b'dan illi l-aggravji dedotti huma kollha infondati;

(2) Tilqa' parzjalment u limitatament it-tielet aggravju tal-appell inċidentali in kwantu tordna illi l-kap tal-ispejjeż tas-sentenza appellata għandha tiġi varjata skont dak indikat sopra u ċjoè billi filwaqt illi l-ispejjeż tal-kontrotalba għandhom ikunu sopportati unikament minn Theuma, tordna minflok illi terz tal-ispejjeż tal-kawża preżentata minn Schembri għandhom ikunu a karigu tal-istess Schembri, filwaqt li żewġ terzi għandhom ikunu a kairgu ta' Theuma.

(3) Tilqa' parzjalment u limitatament ir-raba' aggravju tal-appell inċidentali billi tordna illi għandha ssir korrezzjoni f'dik il-parti tad-*decide* tas-sentenza appellata fejn il-Qorti ddikjarat illi qiegħda "takkolji parzjalment l-ewwel risposta rikonvenzjonata tar-rikorrenti rikonvenzjonat, dik rigwardanti l-artiklu 2153 tal-Kap 16, *de quo* u tirrespingi bhala irrilevanti dik rigwardanti l-artiklu 2154 tal-istess Kap" u minflok għandu jiġi indikat illi l-Qorti **qiegħda takkolji parzjalment l-ewwel risposta rikonvenzjonata tar-rikorrenti rikonvenzjonant, u ċjoè dik rigwardanti l-Artikolu 2154 tal-Kap 16, u tirrespinġi bhala irrelevanti dik rigwardanti l-Artiklu 2153 tal-istes Kap 16, erronjament iddikjarat**.

(4) Tiċħad il-bqija tal-aggravji kontenuti fl-appell inċidentali.

Tordna illi filwaqt li Schembri għandu jbati l-ispejjeż tal-appell prinċipali, l-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jiġu diviżi kif segwenti: tlieta minn ħamsa (3/5) a karigu ta' Theuma, filwaqt li tnejn minn ħamsa (2/5) għandhom ikunu a karigu ta' Schembri.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss